**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta 30, ta' Jannar 2024**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Guramentat Numru:- 232/2020 JVC**

**Angelus Vella**
**Jason Said**

**vs**

**Avukat tal-Istat**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**Ministru tal-Intern, Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Ligi**
**Il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta'**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors illi permezz tieghu r-rikorrenti premettew u talbu kif isegwi:

'Illi fis-sena elfejn u hamsa (2005), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga kellhom informazzjoni dwar operazzjoni illecita li kienet qed isehh fi xtutna fejn kien hemm xi persuni allegatament miftiehma bejniethom u involuti f'importazzjoni ta' kunsinja konsiderevoli ta' droga ghall-iskop ta' traffikar. Filfatt f'Gunju tal-istess sena elfejn u hamsa (2005) il-pulizija ghamlu intercetazzjoni fuq dawn il-persuni fejn effettivament ikkonfermaw l-informazzjoni li kellhom u fost dawn il-persuni involuti irrizulta li kien hemm Angelus Vella u Jason Said qua ko-akkuzati fil-proceduri kriminali. Illi fil-fatt, allegatament l-esponenti Angelus Vella u Jason Said ftehmu ma' persuna ohra li kellha tghaddielhom l-imsemmija droga biex imbaghad l-esponenti jikkonsenjawha lill-persuni ohra f'Malta.

Illi jirrizulta illi l-Ufficjali tal-Pulizija inkarigati minn din l-operazzjoni jew ahjar investigazzjoni, kienu qed jimxu id f'id mas-Servizzi tas-Sigurta' li kienu qed jintercettaw xi telefonati marbuta ma' allegat kongura dwar importazzjoni ta' droga f'Malta. Illi l-istess Ufficjali tal-Pulizija jikkonfermaw illi d-dettalji dwar kif bdiet tizvolgi din l-allegata importazzjoni ta' droga giet miksuba mit-telefonati li gew intercettati mis-Servizzi tas-Sigurta' li kienu qed jindikaw wkoll in-nies li setghu kienu involuti fl-istess operazzjoni. Fil-fatt, jidher illi abbazi ta' dawn it-telefonati l-pulizija bdew isegwu il-movimenti ta' xi nies li dehrilhom li setghu kienu involuti biex b'hekk fil-jum indikat fl-att ta'l-akkuza,

il-Pulizija wasslu sabiex jintercettaw importazzjoni ta′ droga erojina mertu tal-kaz.

Illi sussegwentement huma tressqu l-Qorti addebitati b′diversi akkuzi fejn sahansitra inharget Att ta′ Akkuza fil-konfront taghhom akkuzati fost l-ohrajn b′assocjazzjoni, b′importazzjoni u bi traffikar tad-droga herojina.

**Lanjanzi Kostituzzjonali**

1. **L-Illegalita′ tal-Intercettazzjonijiet ta′ telefonati maghmula mis-Servizz tas-Sigurta′ ta′ Malta**

   Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-kaz taghhom hu msejjes principarjament fuq l-intercettazzjonijiet ta′ telefonati maghmula mis-Servizz tas-Sigurta′ ta′ Malta illi saru bejn l-esponent u persuni ohra;

   Illi jirrizulta u dan anke mix-xhieda tal-Ufficjali Prosekuturi illi tali intercettazzjonijiet ta′ telefonati maghmula mis-Servizz tas-Sigurta′ ta′ Malta kienu saru a bazi ta′ mandati awtorizzati mill-Ministru tal-Intern [responsabbli minn tali intercettazzjonijiet fil-perjodu tal-akkadut];

   Illi l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta [Kap 391 tal-Ligijiet ta′ Malta] jipprovdi l-funzjonijiet tas-Servizz u cioe′ primarjament il-protezzjoni tas-Sigurta′ Nazzjonali u funzjonijiet ohra bhal prevenzjoni jew kxif ta′ delitti gravi. Illi l-istess Att fl-artikoli sussegwenti jipprovdi dwar il-hrug tal-mandati relattivi anke ghall- intercettazzjonijiet telefonici fejn anke jistabilixxi ili l-mandati ghall- intercettazzjonijiet ta′ komunikazzjonijiet ghandhom jinhargu biss bil-miktub

mill-Ministru Responsabbli mis-Servizz jew f'kaz ta' urgenza sahansitra jista' jinhareg bil-miktub mis-Segretarju Permanenti jew mis-Segretarju tal-Kabinett jew awtorizzat mill-Ministru;

Illi l-Att jipprovdi illi kollox ghandu jsir b'segretezza assoluta dwar l-operat u sahansitra l-kontrolli fuq l-operat tas-Servizz huma mill-inqas, kwazi inezistenti, u jeskludu anke sktrutinju sahansitra mill-Qorti anke meta tali intercettazzjonijiet jintuzaw fi proceduri penali;

Illi ghalkemm huwa principju kardinali illi l-Pulizija Ezekuttiva ghandu jkollha l-ghodda necessarja sabiex tipprevjeni reati kriminali izda jigi rilevat illi l-Legislatur bil-promulgazzjoni ta' dan l-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta [Kap 391 tal-Ligijiet ta' Malta] ghazel li jaghti parti mill-ghodda mehtiega lill-istituzzjonijiet sigriet lil hinn minn kull skrutinju gudizzjarju u ghalhekk bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

Illi ladarba l-prosekuzzjoni ghazlet li tezebixxi l-intercettazzjonijiet telefonici bhala prova, kull azzjoni tal-awtoritajiet koncernati in konnessjoni ma' tali intercettazzjonijiet hija suggetta ghall-iskrutinju gudizzjarju anke in vista tal-kuncett ta' *equality of arms*.

Illi jigi rilevat illi minn fost il-pajjizi kollha membri tal-Unjoni Ewropea huma Malta u r-Renju Unit [ghalkemm fil-Ligi Ingliza gew postulati salvagwardji illi fil-Ligi Maltija gew kompletament injorati] biss fen il-mandati ghall-intercettazzjonijiet telefonici jinhargu mill-Ministru

Responsabbli mill-Intern u minghajr ebda kontroll mill-organu gudizzjarju;

Illi dan ifisser illi tali intercettazzjoni fil-kaz odjern saru ai termini ta' mandat mahrug mill-Ezekuttiv u mhux minn awtorita' gudizzjarja u ghalhekk mhemmx skrutinju gudizzjarju u serhan tal-mohh fl-esponent illi tali prova ngabret b'mod trasparenti;

Illi ghalhekk l-awtorizzazzjoni gudizzjarja jew quasi-gudizzjarja indipendenti mill-operat tal-Pulizija hija neccessarja u mehtiega sabiex jigu ssalvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dan halli jigi sorveljat l-operat tal-istess Pulizija Ezekuttiva f'dik l-investigazzjoni;

Di piu' rilevat illi l-Artikolu 18(5) tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta' wkoll huma leviz stante illi jipprojbixxi l-Qrati milli jintervjenu fl-ezercizzji tal-poteri moghtija fl- istess att. Dan ifisser illi l-Qrati mghandhomx u ma jistghux skont l-istess Att jissindikaw il-poteri tal-Att innifsu u dan ovvjament imur kontra l-ispirtu tal- Konvenzjoni Ewropea senjatament l-Artikolu 13.

Illi jigi rilevat illi fil-kaz odjern dawn is-salvagwardi ma sarux u ghalhekk kwalunkwe intercettazzjoni illi saret hija leziva ghad-drittijiet fundamentali tal-esponent sentjatament l-Artikolu 6,8 u 13 tal-Konvenzjoni ewropea u l-Artikoli 32 (cc) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' malta u dan anke kif jirrizulta minn diversi sentenzi tal-Qrati Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi kif gie rilevat mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Leander vs Sweden [deciza fis-26 ta' Marzu 1981]:

*there is the risk of undermining or even destroying democracy on the grounds of defending it.*

Illi di piu' l-istess Qorti fil-kaz Weber and Saravia vs Germany qalet hekk:

*the risk that a system of secret surveillance for the protection of national security may undermine or even destroy democracy under the cloack of defending it.*

Fil-fatt, fil-kaz Lamber vs France l-Qorti rriteniet illi:

*the rule of law implies, inter alia, that interference by the executive authorities with an individual's rights should be subject to an effective control.*

Illi inoltre fil-kaz Klass & Others vs Germany intqal hekk:

*an individual may, under certain conditions, claim to be the victim of a violation occasioned by mere existence of secret measures were in fact applied to him. The relevant conditions are to be determined in each case according to the Convention right or rights alleged to have been infringed, the secret character of the measures objected to, and the connection between the applicant and those measures.*

...

*One of the fundamental principles of democratic society is the rule of law, which is expressly referred to in the Preamble to the*

*Convention. The rule of law implies inter alia, that interference by the executive authorities with an individual's rights should be subject to an effective control which should normally be assured by the* ***judiciary****, at least in the last resort, jidicial control offering the best guarantees of independence, impartiality and proper procedure.*

Illi fil-fatt, jigi rilevat illi fil-kaz Bykov vs Russia gie rilevat is-segwenti:

76. *The Court reiterates that the phrase"in accordance with the law" not only requires compliance with domestic law but also relates to the quality of the law, requiring it to be compatible with the rule of law. In this context of covert surveillance by public authorities, in this instance the police, domestic law must provide protection against arbitrary interference with an individual's right under Article 8. Moreover, the law must be sufficiently clear in its terms to give individuals an adequate indication as to the circumstances in which and the conditions on which public authorities are entitled to resort to such covert measures* (see *Khan v. The United Kingdom, no.* 35394/97, §,26,ECHIR 2000-V).

...

*78. The Court has consistently held that when it comes to the interception of communications for the purpose of police invesigation, "the law must be sufficiently clear in its terms to give citizens an adequate indication as to the circumstances in which and the conditions on which public authorities are empowered to resort to this secret and potentially dangerous interference with the right to respect for private life and correspondence" (see Malone v. The United Kingdom, 2 August 1984, § 67, Series A no. 82). In particular, in order to comply with*

*the requirement of the "quality of the law", a law which confers discretion must indicate the scope of that discretion, although the detailed procedures and conditions to be observed do not necessarily have to be incorporated in rules of substantive law. The degree of precision required of the "law" in this connection will depend upon the particular subject-matter. Since the implementation in practice of measures of secret surveillance of communications is not open to scrutiny by the individuals concerned or the public at large, it would be contrary to the rule of law for the legal discretion granted to the executive – or to a judge- to be expressed in terms of an unfrettered power. Consequently, the law must indicate the scope of any such discretion conferred on the competent authorities and the matter of its exercise with sufficient clarity to give the individual adequate protection against arbitrary interference (see, among other authorities, Huvig v. France, 24 April 1990, §§ 29 and 32, Series A no. 176-B; Amann v. Switzerland [GC], no. 27798/95, § 56, ECHR 2000-II; and Valenzuela Contreras v. Spain, 30 July 1998, § 46, Reports of Judgments and Decisions 1998-V).*

Fil-kawza Kennedy vs UK intqal hekk:

*118. It is not disputed that mail, telephone and email communications, including those made in the context of business dealings, are covered by the notions of "private life" and "correspondence" in Article 8 § 1. 119. The Court has consistently held in its case-law that its task is not normally to review the relevant law and practice in abstracto, but to determine whether the manner in which they were applied to, or effected, the applicant gave rise to a violation of the Convention (see, inter alia, Klass and Others, cited above, § 33; N.C. v. Italy [GC], no. 24952/94, § 56, ECHR 2002-X; and Krone Verlag Gmbh & Co KG v. Austria (no.4), no 72331/01, §26, 9 November 2006). However, in*

*recognition of the particular features of secret surveillance measures and the importance of ensuring effective control and supervision of them, the Court has permitted general challenges to the the relevant legislative regime.*

Illi jigi rilevat ukoll illi fil-kaz odjern il-mandati relattivi ghall-intercettazzjoni qatt ma gew esebiti fil-proceduri kriminali u ghalhekk dan il-fattur flimkien mal-ohrajn imsemmija hawn fuq ikompli jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti;

2. **L-Illegalita' fiz-zamma ta' data generata jew processata**

Illi inoltre l-esponenti jirrilevaw illi permezz ta' Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu tas-sena 2006, dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' *networks* ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE [Data Retention Directive ], gew armonizzati d-dispozizzjonijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea relatati maz-zamma, mil-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibli ghall- pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni, ta' data ggenerata jew ipprocessata minn dawn il-fornituri bil-ghan li tiggarantixxi d-disponibilita' ta' din id-data ghall-finijiet ta' prevenzjoni,ricerka, identifikazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati;

Illi jigi rilevat izda illi d-Direttiva 2006/24/KE imponiet *inter alia* obbligu fuq il- fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronici accessibli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni li jzommu data tal-users tas-servizzi taghhom li tigi ggenerata jew ipprocessata minn dawn il-fornituri ghall-

finijiet li jaghmlu lil din id-data accessibli lill-awtoritajiet nazzjonali [data retention obbligation];

Illi din id-Direttiva giet trasposta hawn Malta permezz tal-Avviz Legali 198 tal-2008 u cioe' Regolamenti tal-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ipprocessar ta' Data Personali fis-settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronic. Fil-fatt, din id-Direttiva tinsab implimentata fil-Ligi Maltija fit-Taqsima II (Zamma ta' Data) tar-Regolamenti dwar l- Ipprocessar ta' Data Personali fis-settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici [S.L. 440.01];

Illi izda jigi rilevat illi permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea gie rilevat illi din id-Direttiva surreferita hija invalida u llegali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi [vide: Digital Rights Ireland Ltd vs Minister for Communications, Marine and Natural Resources et.] Illi sussegwentement diversi Qrati Kostituzzjonali ta' Stati Membri ohra ddikjaraw illi l-legislazzjoni nazzjonali taghhom li timplimenta din id-Direttiva huma nulli u bla effett;

Illi ghalhekk stante illi din id-Direttiva giet dikjarata invalida u llegali isegwi illi f'Malta l-istess Avviz Legali 198 tal-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti dwar l_ipprocessar ta' Data Personali fis-settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici [S.L.440.01] illi huma bbazati fuq l-istess Direttiva huma wkoll nulli u bla effett;

Illi dan ifisser illi kull zamma ta' data mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibbli ghall-pubbliku jew ta' networks pubblici ta' komunikazzjoni, u kull acess lill-awtoritajiet ta' tali data u uzu ta' tali data mill-Pulizija u kwalunkwe entita' ohra hija llegali u leziva ghad-drittijiet fundamentali tal-esponenti. Illi inoltre kwlunkwe data migbura fil-kaz odjern bis-sahha tal-

legislazzjoni sussidjarja fuq imsemmija ma tistax tigi uzata fi proceduri kriminali billi hija migjuba llegalment u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ghalhekk tali data ghandha tigi sfilzata mill-inkartament kriminali fil-kaz odjern;

Illi ghaldaqstant il-legislazzjoni fuq imsemmija, ossia, l-Avviz Legali 198 tal-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti dwar l-ipprocessar ta' Data Personali fis-settur tal-Komunikazzjonijiet Elettronici [S.L. 440.01] huma invalidi u llegali u l-uzu ta' tali data fi proceduri kriminali ai termini ta' din il-Legislazzjoni jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ossia l-Artikoli 6,8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikoli 39 u 65 tal-Kostituzzjon i ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikoli 32(cc) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi l-intercettazzjonijiet fil- kaz odjern saru ai termini ta' mandat mahrug mill-Ezekuttiv- u mhux minn awtorita' gudizzjarja u ghalhekk mhemmx skrutinju gudizzjarju u serhan tal-mohh fl-esponenti illi tali prova ngabret b'mod trasparenti;

2. Tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikoli 32(cc) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikoli 6,8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stante illi zamma ta' data mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettronici accessibli ghall-pubbliku jew ta' netwroks pubblici ta'

komunikazzjoni, u kull access lill-awtoritajiet ta' tali data u uzu ta' tali data mill-Pulizija u kwalunkwe entita' ohra hija llegali u leziva;

3. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi.'

Rat ir-risposta tal-intimati kollha li taqra kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti ma jistghux iressqu l-kawza taghhom fuq l-artikolu 32 tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** ghaliex skont l-**artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, dan mhuwiex wiehed minn dawk l-artikoli li jaghti dritt ta' azzjoni quddiem qorti b'setghat kostituzzjonali. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti, kif imsejsa fuq dan l-artikolu, ghandhom jigu michuda minnufih;

2. Illi safejn it-talbiet tar-rikorrenti, huma mibnija fuq l-**artikolu 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** dawn ukoll ma jistghux jigu mistharrga, ghaliex dwar dan l-artikoli ga nghatat sentenza, mhux appellata, moghtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar id-**29 ta' Novembru, 2018.** Kopja ta' din is-sentenza, mhux appellata, moghtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Novembru 2018. Kopja ta' din is-sentenza qieghda tigi hawn mehmuza bhal **Dok.AS1**;

3. Illi b'zieda ma' dan, huwa mtenni wkoll f'gurisprudenza maqbula, li biex jinsab ksur tas-smigh xieraq, kif imhares taht l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi

ezaminat fis-shih tieghu- u mhux f'bicca minnu (ara ***Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali*** maqtugha mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Settembru 2012, mhux appellata, li wkoll fiha ilmenti dwar intercettazzjonijiet telefonici). Jigi b'hekk, li t-talbiet rikorrenti dwar ksur tal-jedd ta' smigh xieraq ma jistghux jigu decizi qabel ma jintemm il-process kriminali;

4. Illi f'kull kaz, mhuwiex minnu dak li jghidu r-rikorrenti li l-process kriminali jinsab imnigges minhabba l-intercetazzjonijiet telefonici li saru mis-Servizz tas-Sigurta'. Tajjeb li wiehed izomm f'mohhu hawnhekk, li d-dispozizzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem ma jirregolawx l-ammissibilita' tal-provi nfushom, jew kif dawn il-provi ghandhom jingabru jew jigu pprezentati. Dawn id-dispozizzjonijiet jesigu biss li b'reazzjoni ghall-provi li tressaq il-prosekuzzjoni, l-akkuzat ikollu f'xi stadju l-opportunita' li jikkontesta l-provi tal-prosekuzzjoni u kif ukoll li jkollu l-opportunita' li jipproduci u jezamina x-xhieda tieghu bl-istess mod u taht l-istess kundizzjonijiet bhalma l-prosekuzzjoni tipproduci u tezamina xhieda kontrih;

5. Illi sewwasew f'dan il-kaz, kif tajjeb inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-sentenza tat-**<u>30 ta' Lulju 2015</u>** moghtija fil-proceduri kriminali li hemm mexjin kontra r-rikorrenti (ara **Dok. AS 2** hawn mehmuz), il-membri tas- servizz tas-sigurta' huma indikati fil-lista tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, b'dana ghalhekk li d-difiza tar-rikorrenti ha jkollha l-jedd li fil-guri taghmel il-kontro-ezami taghhom. Minbarra minn dan, l-istess difiza ha jkollha l-jedd ukoll li jekk trid tressaq il-provi kollha taghha biex tmeri l-awtentiticita', il-legalita' u s-swi ta' dawk l-intercetazzjonijiet. Minn daqshekk ghalhekk,

kemm il- prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiza jinsabu fl-istess ilma ghall-ghanijiet tal-kuncett tal-ugwaljanza tal-ghodda;

6. Illi l-fatt li l-mandati ghall-intercettazzjonijiet telefonici jinhargu minn Ministru jew persuna ohra tal-Gvern mhuwiex ta' xkiel ghas-siwi tal-process kriminali ghaliex darba li dawn l-intercettazzjonijiet gew prodotti fl-atti tal-kawza kriminali, allura dawn huma soggetti kemm ghall-kontestazzjoni min-naha tad-difiza u kif ukoll- ghall-istharrig finali tal-qrati kriminali.

7. Illi tajjeb li jinghad li ghalkemm ir-rikorrenti semma fir-rikors tieghu ghadd ta' sentenzi moghtija mill-organi gudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa, l-ebda wahda minn dawn is-sentenzi ma sabet li sehh ksur tal-jedd ta' smigh xieraq Ghaldaqstant l-ewwel talba tar-rikorrenti kif imsejsa fuq l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** ghandha tigi michuda;

8. Illi hekk ukoll ma tistax tintlaqa' t-tieni talba tar-rikorrenti ghaliex fil-kaz tal-lum l-intercettazzjonijiet telefonici ma sarux taht xi ligi tal-Unjoni Ewropea izda saru taht il-ligi Maltija viz. Il-**Kap 391 tal-Ligijiet ta' Malta.** F'dan is- sens ghalhekk it-tismija tas-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar it-thassir tad-**Direttiva 2006/24** ma tista' tkun ta' ebda fejda ghar-rikorrenti;

9. Illi fuq kollox ir-rikorrenti ma taw l-ebda raguni kif it-thassir ta' din id-**Direttiva 2006/24** jolqot il-proceduri kriminali tar-rikorrenti. Jigi b'hekk li anke t-tieni talba tar-rikorrenti, kif mibnija fuq l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** m'ghandhiex titnlaqa';

10. Illi safejn it-talbiet tar-rikorrenti huma mibnija fuq l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**, ir-rikorrenti jridu -ewwel igibu prova tajba li huma tabilhaqq gew imfixkla fit-tgawdija tal-hajja privata taghhom minhabba xi intercetazzjonijiet telefonici li setghu twettqu mill-intimati;

11. Illi lil hemm minn da, ma hemm xejn hazin kontra l-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** li awtoritajiet tal-Gvern jinqdew bl-ghodda tal-intercetazzjonijiet telefonici sabiex jinkixfu reati li saru jew li hemm il-hsieb illi jsiru. Anzi huwa sew maghruf, fosthom fis-sentenzi stess li gew imsemmija mir-rikorrenti fir-rikors taghhom, li intercettazzjonijiet bhal dawn huma mehtiega u misthoqqha sabiex tigi miggielda d-delinkwenza;

12. Illi sewwasew fil-kaz tal-lum, l-intercetazzjonijiet telefonici huma gustifikati ghall-ghanijiet tal-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** ghaliex: (i) saru skont il-ligi *viz*. Taht il-**Kap 391 tal-Ligijiet ta' Malta;** (ii) kellhom interess legittimu viz. Biex jressqu persuni quddiem il-qrati kriminali; u (iii) kienu mehtiega f'socjeta' demokratika viz. Sabiex tigi missielta l-kriminalita';

13. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti ma jistghux jilmentaw min-nuqqas ta' prevedibbilita' wara dawn l-intercettazzjonijeit tlefonici ghaliex huma setghu jobsru li l-awtoritajiet setghu jinqdew b'dawn il-mezzi teknologici bil-ghan li jikxfu u johonqu operazzjonijiet marbuta mal-importazzjoni u t-tqassim illegali ta' droga illegali u perikoluza. Persuna li tindiehes f'attivitajiet kriminali hija mistennija li tkun taf li hija tista' tkun soggetta ghal intercettazzjonijiet telefonici u

ghalhekk hija ma tistax tehodha bhala sorpriza jekk kemm-il darba hija tkun sogetta ghal dawn l-intercettazzjonijiet. Zgur ghalhekk persuna akkuzata b'reat ma tista' qatt tghid li l-hajja privata taghha giet imfixkla ghas-semplici fatt li t-telefonati taghha jkunu qeghdin jigi segwiti, dan bhalma persuna ma tista' qatt tghid li l-hajja taghha privata giet imfixkla ghaliex il-pulizija tkun fizikament waqfitha milli twettaq xi reat;

14. Illi f'dan il-kaz ukoll, ir-rikorrenti lanqas ma jistghu jilmentaw mill-accessibilita' ta' dawn l-intercettazzjonijiet ghaliex prova taghhom tinsab imressqa bhala parti fil-process kriminali. Ir-rikorrenti ghalhekk ghandhom kull jedd li jmeru, jikkontestaw u jikkontrollaw dawn l-intercettazzjonijiet li ngiebu bhala prova kontrihom;

15. Illi r-rikorrenti jistghu jserrhu rashom ukoll li ha jkun hemm stharrig gudizzjarju ghaliex dawn l-intercettazzjoniet jinsabu quddiem il-Qrati Kriminali. L-ewwel talba tar-rikorrenti, kif imsejsa tal-**artikolu 8 tal- Konvenzjoni Ewropea**, ghalhekk ghandha tigi michuda;

16. Illi t-tieni talba tar-rikorrent, kif mibnija fuq **l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea,** ukoll ma jmissix tintlaqa'. Fil-fatt il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea tippermetti z-zamma ta' informazzjoni li hija mehtiega ghall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji. Dan hu hekk jekk iz-zamma ta' dak it-taghrif tolqot iz-zmien partikolari ta' meta jkun inkixef it-twettiq tar-reat;

17. Illi f'dawn ic-cirkostanzi, ir-rikorrenti ma jistghux jargumentaw li z-zamma tal-intercettazzjonijiet tikser il-jedd

taghhom ghal-hajja privata. Bla dubju ta' xejn, iz-zamma ta' din l-informazzjoni hija tabilhaqq gustifikata, mehtiega u proporzjonata mal-iskop li ghalih qieghda tinzamm viz. Ghall-investigazzjoni wu l-prosekuzzjoni ta' reati serji. Jigi b'hekk, li anke t-tieni talba tar-rikorrenti dwar ksur tal-**artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea** m'ghandhiex tigi milqugha;

**18.**Illi fl-ahharnett safejn l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti jinsabu msejsa fuq l-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea** dan huma wkoll koncettwalment hziena. Dawn il-proceduri kostituzzjonali stess ghandhom is-sahha li jaghtu rimedju lir-rikorrenti jekk jinstab li verament gew miksura lilhom xi drittijiet li huma mharsa taht il-**Konvenzjoni Ewropea**;

19.Illi l-**artikolu 13** ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali. Fil-Fehma tal-esponent din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha hija awtorita' nazzjonali li tista' taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li tassew sehhew infrazzjonijiet konvenzjonali. Fuq kollox imbaghad wiehed ma jridx jinsa lir-rikorrenti qeghdin iressqu ilmenti li huma mharsa biss bil-**Kostituzzjoni ta' Malta** u bil- **Konvenzjoni Ewropea**, b'dan ghalhekk li huma ma jistghux jippretendu li azzjoni bhal din ma tkunx fil-forum kostituzzjonali.;

20.Illi naturalment la darba fil-fehma tal-esponenti, ir-rikorrenti ma garrbu l-ebda ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali kif mitluba fl-ewwel zewg talbiet taghhom, allura lanqas ma tista' tigi milqugha t-talba taghhom dwar ir-rimedji li qed jippretendu illi jiksbu;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.'

Rat illi permezz ta' rikors datat il-5 ta' Ottubu, 2022 (fol. 265) r-rikorrenti talbu li din il-Qorti tordna lill-Ministru koncernat sabiex jesebixxi d-dokumentazzjoni relatata mal-intercettazzjonijiet tat-telefonati tar-rikorrenti.  Rat illi l-intimati permezz ta' risposta datata 17 ta' Ottubru, 2022 (fol. 268) oggezzjonaw ghat-talba.  Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru, 2022 kif isegwi:

' . .  il-Qorti, ghajr li tigi esebita kopjta tal-mandat mahrug mill-Ministru fil-konfront tar-rikorrenti fl-atti, sakemm dan mhux gia esebit, ma tarax il-bzonn tal-prova mitluba u wkoll stante li fi kwalunkwe kaz hija prekluza mil-ligi li tordna li dawn il-provi jitressqu quddiem il-Qorti, tichad it-talba.'

Rat illi fil-verbal datat  9 ta' Marzu , 2023 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom.

Rat li r-rikorrenti ma prezentawx sottomissjonijiet u rat is-sottomissjonijiet tal-intimati fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kaz kostituzzjonali odjern ir-rikorrenti, li jinsabu akkuzati b'akkuzi relatati ma' importazzjoni u traffikar tad-droga, qed jallegaw l-illegalita' tal-intercettazzjonijiet ta' telefonati maghmula

mis-Servizz tas-Sigurta' ta' Malta precedentement ghall-arrest taghhom partikolarment il-prezentata tal-kopja awdjo u traskrizzjonijiet taghhom fl-atti kriminali u dan ghar-raguni li f'dak l-istadju dawn l-atti ma kienux suggetti ghal skrutinju gudizzjarjuu jsosntu li dan huwa lesiv tad-dritt fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq fosthom il-principju tal-'equality of arms'. Ir-rikorrenti jallegaw ukoll illi d-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu tas-sena 2006, dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' *networks* ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE [Data Retention Directive ] kif ukoll trasposta fil-ligi Maltija hija wkoll lesiva tad-drittijiet fundamentali taghhom. Fil-konfront taz-zewg talbiet taghhom ir-rikorrenti jsostnu li hemm ksur tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 32 (cc) u 39 tal-Kostitizzjoni ta' Malta u l-artikolu 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Jitolbu ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara tali lezjoni u taghtihom rimedju.

L-intimati kollettivament fir-risposta taghhom jichdu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti u jqajjmu diversi eccezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu kif gia suespost. Jitolbu ghalhekk li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

**Provi:**

Il-Qorti rat id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 29 ta' Novembru, 2018 moghtija mill-Onorevoli Mhallef J. R. Micallef a fol. 16 et seq tal-process. Partikolarment il-Qorti rat l-elenku tal-fatti fil-kaz odjern li gew indikati kif isegwi:

‘Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li fis-6 ta’ Ġunju tal-2005, għall-ħabta ta’ nofsinhar, il-Pulizija waqqfet lir-rikorrent Jason Said li kien qed isuq vettura fl-inħawi tal-Mellieħa. F’dik il-vettura, il-Pulizija sabu somma ta’ madwar mija u sittax-il elf Dollaru Amerikan ($ 115,900) u ’l fuq minn erbat elef euro (€4,300), u somom oħra iżgħar fi flus kontanti u wkoll xi ċellulari. Dawn elevawhom fil-preżenza tal-istess rikorrent. Dakinhar ukoll, saret tfittxija fid-dar fejn joqgħod l-istess rikorrent u minn hemm il-Pulizija elevaw ukoll xi dokumenti;

Illi fis-7 ta’ Ġunju, 2005, ir-rikorrent Jason Said ta stqarrija lill-Pulizija wara nofsinhar. Hu għażel li ma jweġibx bosta mill-mistoqsijiet li sarulu u kif ukoll li ma jiffirmahiex. L-interrogatorju dam għaddej mal-erbgħin minuta. Fit-30 ta’ Ġunju, 2005, reġa’ ssejjaħ mill-Pulizija u ntalab jagħmel stqarrija oħra. Għal darb’oħra, hu għażel li ma jwieġeb għall-ebda mistoqsija li saritlu u lanqas li jiffirmaha;

Illi fis-6 ta’ Ġunju, 2005, ir-rikorrent Angelus Vella kien twaqqaf mill-Pulizija f’marina fil-Kottonera wara li niżel minn fuq ‘cabin cruiser’ li l-Pulizija kienet qiegħda tfittex sa minn dakinhar filgħodu wara tagħrif li ngħatalha li kienet qiegħda tintuża biex tiddaħħal id-droga f’Malta . Kienet saret tfittxija f’vettura tiegħu li kienet fil-qrib u nstabu xi dokumenti li ġew elevati mill-Pulizija filpreżenza tiegħu;

Illi fis-7 ta’ Ġunju, 2005, ir-rikorrent Angelus Vella ta stqarrija lill-Pulizija wara nofsinhar. Hu għażel li ma jweġibx bosta mill-mistoqsijiet li sarulu u kif ukoll li ma jiffirmahiex. Fit-30 ta’ Ġunju, 2005, reġa’ ssejjaħ mill-Pulizija u ntalab jagħmel stqarrija oħra.

Għal darb'oħra, hu għażel li ma jwieġeb għallebda mistoqsija li saritlu u lanqas li jiffirmaha;

Illi fl-operazzjoni mwettqa mill-Pulizija fis-6 ta' Ġunju, kienu nżammu persuni oħrajn. Ġo vettura li kienet qiegħda tinsaq minn waħda minn dawn il-persuni, nstabu madwar tmien (8) kilogrammi ta' sustanza li kien maħsub li kienet erojina, maħsub li tniżżlet l-art minn fuq opra tal-baħar li l-Pulizija kienet qiegħda tfittex. L-operazzjoni tal-Pulizija kienet saret b'ko-ordinazzjoni mas-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta li kienet qiegħda tirreġistra d-diskors li l-persuni suspettati kellhom bejniethom biċ-ċellulari tagħhom;

Illi r-rikorrenti tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-1 ta' Lulju, 2005, mixlija li (a) assoċjaw ruħhom ma' ħaddieħor biex jittraffikaw l-erojina bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi13; (b) impurtaw jew ġiegħlu 'l min jimporta f'Malta jew għenu biex tiddaħħal f'Malta l-erojina bi ksur tal-istess Ordinanza; (ċ) fornew jew ippruvaw ifornu l-imsemmija droga bla ma kienu liċenzjati skond limsemmija Ordinanza; u (iv) li kellhom fil-pussess tagħhom l-imsemmija droga bi ksur tal-istess Ordinanza;

Illi huma wieġbu li ma kinux ħatja;

Illi b'Ordni mogħti dakinhar stess skond l-artikolu 22 tal-Ordinanza, l-intimat Avukat Ġenerali ordna li kull wieħed mir-rikorrenti jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontrihom;

Illi b'degriet mogħti fil-5 ta' Mejju, 2009, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

Istruttorja, ordnat li tintgħamel kopja tal-interċettazzjonijiet telefoniċi li saru mis-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta u li kopja tiddaħħal fl-atti tal-kumpilazzjoni. Il-Qorti ħatret espert biex isir dan. Kopja traskritta ta' dawn il-komunikazzjonijiet tressqet ukoll fl-atti ta' din il-kawża;

Illi l-Att tal-Akkuża kontra ż-żewġ rikorrenti nħareġ fis-16 ta' Awwissu, 2013, b'erba' (4) kapi ta' akkuża li jgħoddu għal kull wieħed minnhom. Ir-rikorrenti laqgħu n-notifika fis-27 ta' Awwissu, 2013;

Illi r-rikorrenti ressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet flimkien fis-17 ta' Settembru, 2013. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari, ir-rikorrenti qajmu (i) in-nullità tar-rinviju tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' Novembru, 2010; (ii) it-tneħħija mill-atti tal-istqarrijiet tagħhom tas-7 ta' Ġunju, 2005 u tat-30 ta' Ġunju, 2005, billi dawn ingħataw meta ma kellhomx il-jedd li jsejħu l-għajnuna ta' avukat magħżul minnhom; (iii) it-tneħħija mill-atti ta' xhieda mogħtija minn uffiċjali prosekuturi mdaħħlin fl-istħarriġ, safejn din ix-xhieda kienet tirreferi għal kliem li qal ħaddieħor ("hearsay"); (iv) it-tneħħija mill-atti tal-kawża tad-dokumenti tat-traskrizzjonijiet tat-telefonati interċettati mis-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta li għaddew lill-Pulizija; (v) is-siwi ta' tliet degrieti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-6 ta' Ġunju, 2005, dwar il-ħatra ta' esperti; u (vi) talba biex il-Qorti Kriminali tordna lill-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta jressaq kopji tal-mandati ('warrants') maħruġa mill-Ministru taħt l-artikolu 18 tal-Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti irtiraw din l-aħħar eċċezzjoni preliminari b'Nota mressqa minnhom fit-30 ta' Jannar, 2014;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Marzu, 2014, u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari li, sa dakinhar, ma kinux għadhom irtirati;

Illi r-rikorrenti appellaw mill-imsemmija sentenza fit-3 ta' April, 2014. Madankollu, waqt is-smigħ tat-30 ta' April, 2015, huma rtiraw it-tliet eċċezzjonijiet preliminari dwar id-digrieti tal-ħatra tal-esperti;

Illi b'sentenza tagħha tat-30 ta' Lulju, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari li ma kinux għadhom irtirati sa dakinhar;

Illi r-rikorrenti fetħu din il-kawża fis-17 ta' Marzu, 2017, u sallum jidher li l-proċeduri kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali għadhom għaddejjin;'

Illi din il-Qorti wara li rat l-atti processwali kollha odjerni taghmel ukoll taghha l-fatti kif suesposti. Segwa li pendenti l-proceduri kriminali, madwar sentejn wara, r-rikorrenti nhar l-20 ta' Ottubru, 2020 ntavolaw lanjanza kostituzzjonali ulterjuri u cioe' dik odjerna.

Rat ukoll is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datata 26 ta' Lulju, 2015 li permezz taghha dik il-Qorti kienet cahdet l-eccezzjonijiet rimanenti tar-rikorrenti fl-ambitu tal-process kriminali kif gia suespost. Il-Qorti taghmel referenza partikolari ghall-paragrafu 16 tal-istess decizjoni li jaqra kif isegwi:

'16. L-ewwelnett l-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari certament mhuwiex l-istadju li fih jigu nominati esperti. Kwantu ghat-*transcripts*, stante li gew esebiti r-*recordings* u ndubitament dawn se jissemmghu lill-gurati, il-korrettezza o meno tat-*transcripts* ikun

jista' jigi evalwat minn min irid jiggudika fuq il-fatti. Effettivament ma tridx tkun espert biex tittraskrivi dak li tkun qieghed tisma'. Ghal dak li huwa r-*recordings*, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, min hu responsabbli ghas-Servizzi ta' Sigruta' hu ndikat fil-lista tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u dan ix-xhud ikun jista' jixhed dwar ir-*recordings.* Dwar l-identifikazzjoni tal-persuni li jinstemghu fuq ir-*recordings*, din hi kwistjoni ta' fatt ukoll rimessa ghad-decizjoni tal-gurati. F'dawn ic-cirkostanzi anke t-tielet aggravju qieghed jigi michud.'

Rat in-nota tar-rikorrenti a fol. 51 tal-process li permezz taghha esebew numru ta' dokumenti li jirrizulta li huma dokumenti derivanti mill-attri processwali kriminali fil-konfront tal-istess rikorrenti kif isegwi:

- Rat a fol. 53 tal-process l-akkuza fil-konfront tar-rikorrenti datata l-1 ta' Lulju, 2005 liema akkuzi huma relatati mal-importazzjoni u traffikar tad-droga.

- Rat ix-xhieda tas-**Supretendent Neil Harrison** datata 17 ta' Marzu, 2008 a fol. 55 et seq tal-process li jirrizulta li kien il-persuna li minn fuq ir-*recordings* tal-intercettazzjonijiet, ittraskriva l-istess u dawn gew esebiti fl-atti kriminali u jixhed kif huwa ghamel dan, minn fejn ottjena is-CD originali cioe' mis-Servizzi Sigrieti u kif irrediga t-traskrizzjonijiet billi kull ma zied ismijiet sabiex it-traskrizzjonijiet jinftehemu ahjar. L-istess xhud jesebixxi lista indikata bhala 'Top Secret' tat-telefonati u n-numri li gew intercettati a fol. 63 et seq tal-process. Dan ix-xhud rega' xehed fl-atti kriminali nhar l-10 ta' Mejju, 2013 a fol. 111 et seq tal-atti odjerni fejn xehed dwar l-intercettazzjonijiet u li dawn huwa kien semaghhom minn fuq CD li provdew is-Servizzi Sigrieti. Rat li d-difiza f'dik is-seduta ikkontroezaminat fit-tul lill-istess xhud.

Jispjega wkoll kif waqt li kien qed jitraskrivi kien jaghmel ezercizzju biex jaghraf l-ilhna u l-persuni li qed jitkellmu.

- Rat ix-xhieda ta' **Godfrey Scicluna (fol. 76),** stazzjonat fis-Servizzi Sigriet li xehed quddiem il-Qorti Istruttorja dwar l-'intelligence' li ngabret fil-konfront tar-rikorrenti akkuzati u rat li sarlu wkoll kontro-ezami mill-avukati tar-rikorrenti.

- Rat ix-xhieda tal-**Ispettur Norbert Ciappara** li fl-atti kriminali xehed dwar l-investigazzjoni u l-fatti tal-kaz a fol. 78 et seq tal-process;

- Rat ix-xhieda tal-**Ispettur Dennis Theuma** li jispjega kif huwa assista lill-Ispttur Norbert Ciappara fl-investigazzjoni tal-kaz kontra r-rikorrenti a fol. 86 et seq tal-process;

- Rat l-istqarrija tar-rikorrent **Angelus Vella a fol. 88** tal-process datata 7 ta' Gunju 2005 f'liema stqarrija huwa ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu. Rat l-istqarrija ulterjuri datata 30 ta' Gunju, 2005 (fol. 89) fejn ukoll ghazel li ma jwegibx.

- Rat l-istqarrija ta' **Jason Said** datata 7 ta' Gunju, 2005 a fol. 90 tal-process.

- Rat ix-xhieda tal-prosekuzzjoni a fol. 92 et seq tal-process dwar l-arrest tar-rikorrenti;

- Rat illi fil-verbal tal-Qorti Istruttorja datata 19 ta' April, 2012 (fol 101) il-Prosekuzzjoni rriservant li tiprezenta prova tal-*warrants* tal-intercettazzjonijiet bir-raguni moghtija tkun in vista ta' gurisprudenza recenti u wkoll ghaliex kien hemm talba f'dan ir-rigward mid-difiza.

-  Rat li l-*warrants* imsemmija gew effettivament esebiti fl-atti kriminali (ara fol. 104, 105, 106, 107 u 108 tal-atti odjerni – (fol. 606 et seq tal-atti kriminali) mix-xhud **Godfrey Scicluna** (xhieda esebita a fol. 109), Kap tas-Servizzi tas-Sigurta′ fis-smiegh tas-17 ta′ Dicembru, 2012.  Dawn il-*warrants* huma ffirmati dak a fol. 104 mill-Prim Ministru Gonzi bid-data tal-21 ta′ April, 2005 u dawk a fol. 105 et seq mid-Deputat Prim Ministru, Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet interni Tonio Borg datati 24, 22 u 25 ta′ Mejju, 2005 rispettivament.  Il-*warrants* isejjhu rispettivament lil Jason Said, Jason Said, hames numri ta′ mobajl partikolari, Joseph Lebrun u Joseph Lebrun.

Il-Qorti rat li l-kontro-ezami ta′ dan ix-xhud gie riservat fl-atti kriminali favur id-difiza.

- Rat ix-xhieda tal-espert **Dr Martin Bajada a fol. 119** et seq tal-process li ntalab jixhed dwar rapport li huwa ghamel fir-rigward tal-intercettazzjonijiet relatati mal-akkuzi fil-konfront ta′ Joseph Lebrun u sabiex jidentifika kemm ilhna kien hemm f′intercettazzjonijiet partikolari stante li f′dawn l-atti kriminali nqala′ disgwit dwar jekk kienx hemm tlett ilhna fil-konversazzjoni jew tnejn.  Sarulu diversi domandi mid-difiza.  Rat li dan ix-xhud rega′ gie riprodott mill-istess difiza quddiem il-Qorti Istruttorja a fol. 123 et seq tal-process odjern fejn jixhed dwar rapport li huwa ghamel sabiex jiddistingwi bejn l-ilhna u jghid li huwa wasal ghal konkluzjonijiet li kien hemm tlett vucijiet differenti izda ma wasalx ghall-identifikazzjoni tal-persuni.

- Rat a fol. 130 et seq tal-process it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-eccezzjonijiet mqajjma mill-akkuzati quddiem l-Imhallef Quintano a fol. 130 et seq tal-process.

- Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzati a fol. 141 et seq tal-process;

- Rat id-decizjoni tal-Qorti Kriminali fir-rigward tal-eccezzjonijiet tal-akkuzati bid-data tat-28 ta' Marzu, 2014 a fol. 149 et seq tal-process.

- Rat il-kopja tar-rikors tal-appell tar-rikorrenti fl-atti kriminali a fol. 163 et seq tal-process u r-risposta tal-Avukat Generali a fol. 186 et seq tal-process odjern.

- Ir-rikorrenti esebew kopji ulterjuri tas-sentenzi tal-Qorti Kriminali (fol. 193) u l-Qorti Kostituzzjonali (fol. 198) liema sentenzi din il-Qorti gia ghamlet referenza ghalihom aktar il-fuq f'din id-decizjoni.

Semghet u rat ix-xhieda ta' **Dr. Tonio Borg** fl-atti odjerni fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2022 esebita a fol. 225 et seq tal-process. Jghid li lura fis-sena 2005 kien hu l-ministru inkarigat li jawtorizza lis-servizzi tas-sigurta' jaghmlu intercettazzjonijiet tal-komunikazzjonijiet ta' persuni suspettati b'reati serji skont il-ligi. Jispjega kif dawn it-talbiet dejjem kienu jigu minghand is-Servizzi tas-Sigurta lilu personalment jew lill-Prim Ministru, li spiss kienu jmorru ghandu d-dar sabiex jiffirma l-istess u li kopja tal-mandat jaf li kien jinzamm gewwa 'safe' fil-ministeru. Jaghraf il-firma tal-Prim Ministru Gonzi fuq wiehed mill-mandati odjerni u l-firma tieghu fil-bqija tal-mandati. Jghid ukoll li skont il-ligi, li giet abbozzata minnu stess, m'hemmx provdut ghal awtorizzazzjoni gudizzjarja fil-mument tal-hrug tal-mandat. Jixhed li jidhirlu li kien ikun hemm formola li timtela u fiha jigi ndikat il-bzonn u r-ragunijiet tal-intercettazzjoni u maghha kien ikun hemm

dokument iehor cioe' l-mandat. Il-mandat kien jigi lest u hu jiffirmah. Jghid li gieli kien hemm kazijiet rari fejn huwa rrifjuta mandati simili. Fir-rigward tal-kaz tar-rikorrenti odjerni jghid li lanqas jiftakar l-ismijiet u ma jiftakar xejn. Jixhed ulterjorment li l-Ministru, bhal Magistrat tal-Ghassa, jistrieh fuq l-ispjegazzjoni li jtuh is-Servizzi tas-Sigurta sabiex jiggustifikaw il-hrug tal-Mandat mhux jinvestiga hu. Izid li meta t-talba titressaq mill-Pulizija lis-Servizzi Sigriet jistghu l-istess Servizzi jirrifjutaw li jressqu t-talba lill-Ministru u jidderigu lill-Pulizija sabiex jigbru aktar informazzjoni qabel jiprocedu. L-awtorizzazzjoni li tinghata permezz tal-mandat tinghata lis-Servizzi Sigrieti.

A fol. 233 et seq tal-process jixhed fl-atti odjerni l**-ex Supretendent Dr. Neil Harrison.** Huwa jixhed dwar l-involviment tieghu fl-investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti dwar importazzjoni u traffikar ta' droga fejn wkoll jghid li kien ghamel it-*transcripts* tat-telefonati li kienu ghaddewlhom is-Servizzi Sigrieti. Dawn kienu inghataw lilu fuq CD mill-*Head* tas-Servizzi. Jixhed li ghalkemm kien hemm kazijiet fejn il-procedura kienet li l-Pulizija tirredigi rapport bil-miktub imsejjah *intelligence report* fuq formola specjali lis-Servizzi Sigrieti b'talba sabiex issir l-intercettazzjoni u dawn gieli kien jibghatuh lura ghal investigazzjonijiet ulterjuri qabel jintalbu, fil-kaz tar-rikorrenti jista' jkun li l-investigazzjoni w'allura t-talba saret mill-istess Servizzi Sigrieti. Kienu jaghmlu t-talba meta kienu jaraw li l-informazzjoni li ghandhom kienet wahda b'sahhitha u *reliable*. Il-Kummissarju tal-Pulizija jendorsja t-talba u hu kien jibghat it-talba lis-Servizzi Sigrieti. Mistoqsi jekk kinitx tidhol xi awtoria' gudizzjarja f'dan l-istadju jghid:

'Din tkun ghadha intelligence hanwhekk jigifieri lanqas inkjesta magisterjali ma jkun hemm. Din hija kwistjoni ta' intelligence li rcevejna ahna meta nkunu ghamilna t-talba ahna u nitolbu l-

assistenza taghhom biex jghinuna fl-investigazzjonijiet, imbaghad l-investigazzjomi tigi komuni bejnietna.'

Jghid ukoll li f'dak l-istadju lanqas l-Avukat Generali ma kien jidhol fiha. Ma jidholx la l-Avukat Generali u lanqas il-Magistrat ghaliex il-ligi ma tirrikjedix f'dak l-istadju.

Semeghet u rat ix-xhieda tal-**ex-spettur Norbert Ciappara a fol. 236** et seq tal-process fejn jispjega x'kien l-irwol tieghu fl-investigazzjoni kontra r-rikorrenti fejn huwa kien gie nfurmat li kienet diehla xi droga u baghat in-nies in-nahat tac-Cirkewwa biex jarrestaw persuna u wara beda jinvestiga s-sejba ta' seba' (7) kilos eroina. Sussegwentement inghata numru ta' 'transcripts' mis-Servizzi Sigrieti u kompla jinvestiga lir-rikorrenti flimkien ma' Joseph Lebrun. Jghid ukoll li r-rikorrent Jason Said kien gie arrestat mal-qabda tad-droga ma' certu Silvio Buttigieg. Hu ma kienx involut fil-parti tal-awtorizzazzjoni tal-intercettazzjonijiet u ma jafx x'wassal ghal dik l-evidenza. Jaf li Neil Harrison kien ghamel it-traskrizzjonijiet.

Semghet u rat ix-xhieda ta' **Godfrey Scicluna** li fis-sena 2005 kien il-Kap tas-Servizzi Sigrieti a fol. 237 et seq tal-process. Jghid li l-kazijiet setghu joriginaw mill-istess Servizzi Sigrieti jew mid-Dwana, mill-Armata, mill-entitajiet tal-Gvern, dak li kien jirrikjedi l-intercettazzjoni jmorru l-persuni inkarigati u jaghmlu t-talba. Huwa janalizza li l-kazijiet ghandhom mill-anqas ir-rekwiziti mehtiega biex issir l-intercettazzjoni u gieli talbu aktar informazzjoni qabel ghaddew ghat-talba sabiex issir l-intercettazzjoni. Jekk ikun il-kaz jaghmlu sommarju ghall-Ministru u jzommu kopja ghalihom u skont hu l-Ministru kien izomm kopja tal-mandat u tas-sommarju. It-talba ssir permezz ta' formola apposita. Ma jiftakarx il-kaz tar-rikorrenti originax

minghand is-Servizzi Sigrieti jew mill-Pulizija. F'dak l-istadju ma kien isir l-ebda skrutinju gudizzjarju ghaliex ma kienx neccessarju. F'kaz li l-ministru jkun imsiefer gieli rrefera ghand l-Avukat Generali biex jiffirma wara li jkun ikkonsultah ghalkemm mhux cert dwar dan. Jaf li kien hemm kazijiet fejn ilahhaq il-Prim Ministru. L-intercettazzjonijiet kienu jsiru biss mis-Servizzi Sigrieti. It-traskrizzjonijiet kienu jsiru kemm mis-Servizzi kif ukoll mill-Pulizija imma aktar kienu jaghtu mportanza dak li jkun gie rrekordjat. L-original jinzamm mis-Servizzi Sigrieti u jekk ikollhom bzonnhom ghal xi kaz il-Pulizija jghaddu kopja lill-Pulizija, il-Qorti tigi esebita kopja tal-original. Sa fejn jaf hu l-original jibqghu dejjem jinzammu mis-Servizzi Sigrieti. Da parti tal-pulizija l-Kummissarju jressaq it-talba lilhom u gieli talbu aktar informazzjoni filwaqt li gieli rrifjutaw. Konsegwentement is-Servizz Sigriet jaghmel talba lill-Ministru.

Semghet u rat ix-xhieda tal-**Ministru Byron Camilleri a fol. 249** et seq tal-process fejn xehed dwar il-procedura odjerna adoperata sabiex jintalab il-hrug ta' mandat ghall-intercettazzjoni. Jghid li x'kien jigri lura meta sehh il-kaz tar-rikorrenti ma jafx. Jaf li t-talba tkun tikkonsisti f'zewg dokumenti, dokument li jaghti spjegazzjoni dwar l-informazzjoni relevanti sabiex tghin lill-Ministru jaghmel decizjoni jekk japprovawx jew le u l-mandat li jigi ffirmat jekk jiddeciedi li jawtorizza l-istess. Jghid li tinzamm kopja tal-mandat fis-'safe' tal-ministeru tal-intern u kopja ohra tibqa ghand is-Servizzi. Izid li l-mandati huma numerati. Id-dettalji jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Ma jistax jikkonferma jekk hemmx il-mandati li nhargu qabel zmienu fis-'safe' izda jaf li hemm numru ta' 'box-files' fis-'safe'. Is-'safe' ghandu access ghalih il-Politiku u s-Segretarju Permanenti u l-process huwa li jinfetah flimkien. Ma pruvax ifittex il-mandat odjern qabel tela' jixhed.

Semghet u rat ix-xhieda ta' **Dr. Martin Bajada a fol. 255** et seq tal-process. Huwa kien gie nkarigat jaghmel *voice recognition* minn fuq CD li fuqha kien hemm intercettazzjonijiet. Jiftakar li kien hemm transcript taghhom ukoll u hass li ma kinitx fidila lejn ir-*recordings* u ghamilha hu mill-gdid biex ikun iktar korrett. Ma jafx kif id-*data* giet fuq is-CD. Hu analizza biss il-*voice recognition.* Ma dehrux li dawk li tawh kienu haga kompleta izda estratti ta' dak li rieduh janalizza. Lanqas jaf abbazi ta' xhiex intghazlu dawk il-partijiet. It-telefonati izda li tawh dehru li kienu shah. Jaf li t-telefonati kienu intercettazzjonijiet. Izid li l-versjoni kompleta tal-intercettazzjonijiet qatt ma nghatat lilu. Hu lanqas dahal fid-dati tal-intercettazzjonijiet, ma kienx kompitu tieghu.

Rat id-dokumentazzjoni esebita mill-**Assistent Registratur Stephania Calafato Testa** fol. 280 et seq tal-process li x-xhieda taghha tinsab a fol. 322 et seq tal-process. A fol. 280 gie esebit verbal tas-17 ta' Marzu, 2008 fl-atti tal-proceduri kriminali. A fol. 282 et seq regghet giet esebita kopja tax-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison datata 17 ta' Marzu, 2008 flimkien mal-listi tal-numri intercettati. Ix-xhud jispjega li dak li nbidel fit-traskrizzjonijiet huwa li inghata isem lil min qed jitkellem biex ikun jista' jsir b'mod aktar facli t-*transcript* fil-bqija ma zdied xejn mill-kontenut li kien hemm fit-telefonati fuq is-cd. Rat li tul din ix-xhieda id-difiza inghatat opportunita ampja li taghmel bosta domandi in kontro-ezami. A fol. 308 giet prezentata kopja tal-envelopes li fihom jinsabu esebiti 3 CD's.

**Dr Neil Harrison** rega' xehed nhar id-9 ta' Marzu, 2023. Dwar il-kaz tar-rikorrenti jixhed:

'Kienu saru intercettazzjonijiet bit-telefown mill-Malta Security Service. Wara li saret il-qabda, kont inghatajt CD jiena, compact Disc, b'diversi recordings, li keinu jinvolvu diversi telefonati ta' diversi persuni li kienu involuti f'dan il-kaz. Jiena kont smajthom u kont hgamilt trasncripts ukoll ta' dawn it-telefonati, anlaizzajt it-telefonati ukoll biex nara xi provi jista' johrog minnhom. Eventwalment, a bazi ta' dawk li rrizulta minn dawn it-telefonati kif ukoll evidenza ohra, konna ressaqna diversi persuni. Jiena ma kontx interrogajt il-persuni. Pero' ikkoordinajt l-investigazzjoni, lanqas kont prosekutur . . .'

Jikkonferma li fl-atti kriminali huwa esebixxa tlett CD's li kienu ghaddewlu s-Servizzi Sigrieti u karti bid-diversi telefonati li kienu saru bejn numri differenti. Kien hemm tlett CD's wahda li ghaddewlu tas-Servizzi Sigrieti, wahda li inghataw fiha numri tal-'file' sabiex ikun aktar facli ssir referenza u l-ahhar wahda bit-traskrizzjonijiet. Huwa jaghraf ix-xhieda tieghu fl-atti kriminali kif esebita fl-atti odjerni mill-Assistent Registratur tal-Qorti u jaghraf kif gew immarkati l-istess CD's.

In kontro-ezami jghid li ma jafx jekk f'dan il-kaz is-suspett giex minn naha tal-Pulizija jew is-Servizzi Sigrieti izda kien hemm kazijiet fejn is-suspett jibda mis-Servizzi Sigrieti kien hemm ukoll hafna kazijiet fejn saru talbiet mill-Pulizija. Hu ma jkunx ra t-talba li ghamlu s-Servizzi Sigrieti.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Allegat ksur tal-artikolu 32 (cc) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:**

Illi dwar l-invokar ta' dan l-artikolu mir-rikorrenti fit-talbiet taghhom l-intimati jeccepixxu li r-rikorrenti ma jistghux iressqu l-

kaz taghhom fit-termini tal-istess stante li l-artikolu 46 (1) tal-istess Kostituzzjoni jaqra li dan mhux wiehed minn dawk l-artikoli li jaghti dritt ta' azzjoni quddiem qorti b'setghat Kostituzzjonali.

Illi l-artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqra kif isegwi:

'Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u(7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġimiksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal-rimedju.'

Il-Qorti rat allura li huwa minnu li l-artikolu 46 (1) jeskludi mid-dritt ta' azzjoni quddiem din il-Qorti l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' din l-eccezzjoni tal-intimati fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti sakemm dawn jaghmlu referenza ghall-artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Allegat lezjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem:**

Illi fit-talbiet taghhom ir-rikorrenti jallegaw ksur tad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghalkemm mhux car mit-talbiet jekk ir-rikorrenti hux isostnu li d-dritt ghal smiegh xieraq huwa wkoll protett permezz tal-artikolu 8 jew hux qed jinvokaw dan l-artikolu separatament mill-jedd ghal smiegh xieraq. Illi l-artikolu 8 jitratta id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja u jaqra kif isegwi:

‘1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta’ daru u tal-korrispondenza tiegħu.

2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f’soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta’ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta’ ħaddieħor.’

Illi f’dan ir-rigward l-intimati jsostnu li ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni fil-kaz odjern stante skonthom l-awtoritajiet jistghu jinqdew bl-ghodda tal-intercettazjonijiet telefonici sabiex jinkixfu reati li saru jew li hemm il-hsieb li jsiru. Isostnu li dawn l-intercettazzjonijiet saru skont il-ligi fit-termini tal-Kap 391 tal-Ligijiet ta’ Malta u kellhom interess legittimu cioe’ li jitressqu persuni quddiem il-Qrati Kriminali, finalment isostnu li huma mehtiega f’socjeta’ demokratika u cioe’ sabiex tigi missielta l-kriminalita’.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti rat mill-atti li, ghall-kuntrarju ta’ dak sostnut mir-rikorrenti fir-rikors promotorju taghhom, effettivament il-mandati sabiex isiru tali intercettazzjonijiet gew esebiti kemm fl-atti kriminali kif ukoll fl-atti odjerni. Dawn il-mandati hargu fit-termini tal-ligi. Jirrizulta li rizultat ta’ tali intercettazzjonijiet ir-rikorrenti gew arrestati u mressqa b’akkuzi relatati mad-droga. Johrog ghalhekk car li l-indhil fil-hajja privata tar-rikorrenti ma kienx wiehed frivolu anzi jaqa’ perfettament fil-proviso tas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni cioe’ kien neccessarju sabiex jiġi evitat l-egħmil ta’ delitti kif qed jigi allegat li sehh fil-kaz odjern. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa’ l-

eccezzjonijiet tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif imsejsa fit-termini tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**L-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem:**

Illi r-rikorrenti jsejsu t-talbiet taghhom ukoll fit-termini tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jaghti d-dritt ghal Rimedju Effettiv u li jaqra kif isegwi:

'Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.'

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel mal-eccezzjoni tal-intimati li l-possibilita' li r-rikorrenti jirrikorru quddiem din l-istess Qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, sabiex iressqu l-ilmenti taghhom u dan jigu mistharga u decizi minn din il-Qorti bil-possibilita' ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjoni huwa kkunsidrat bhala rimedju effettiv b'dana li allura dan l-ilment jirrizulta wkoll li mhux gustifikat. Tant ir-rikorrenti ghandhom rimedju li gia' ghamlu uzu minnu precedentement quddiem din l-istess Qorti diversament preseduta (ara s-sentenza esebita a fol. 16 et seq tal-process). Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll l-ewwel u t-tieni talba safejn dawn jirrigwardaw l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

**Il-bqija tal-ewwel talba:**

Illi dwar l-ewwel ilment u talba tar-rikorrenti relatata mal-allegat ksur ta' tad-dritt ghal smiegh xieraq taghhom rizultat tal-

intercettazzjonijiet li saru mis-Servizzi Sigrieti esebiti fl-atti kriminali u l-allegat ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-konvenzjoni, l-Qorti terga'  taghmel referenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 29 ta' Novembru, 2018 moghtija mill-Onorevoli Mhallef J. R. Micallef a fol. 16 et seq tal-process.  Fil-fatt minn qari ta' din id-decizjoni, li ma gietx appellata, din il-Qorti bilfors ikollha taghmel referenza ghat-tielet eccezzjoni tal-intimati li taqra kif isegwi:

'Illi safejn it-talbiet tar-rikorrenti, huma mibnija fuq l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** dawn ukoll ma jistghux jigu mistharrga, ghaliex dwar dan l-artikoli ga nghatat sentenza, mhux appellata, moghtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar id-**29 ta' Novembru, 2018.'**

Illi fil-fatt din il-Qorti rat dik il-parti tad-decide ta' dik l-Onorabbli Qorti li tirrigwarda l-intercettazzjonijiet mis-Servizzi Sigrieti li minnhom qed jilmentaw ukoll ir-rikorrenti fl-atti odjerni fejn din taqra kif isegwi:

'Illi jifdal li l-Qorti tqis ir-raba' kawżali tal-ilment tar-rikorrenti u jiġifieri t-talba għat-tneħħija mill-atti ta' xi dokumenti mressqa mill-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiem il-Qorti Istruttorja. Din il-kawżali titkellem dwar sett ta' dokumenti li jikkonsistu fi traskrizzjoni ta' diskursati li saru waqt telefonati (li fihom kienu mdaħħla r-rikorrenti u oħrajn) li kienu interċettati fi żmien qabel sa dakinhar li ġew arrestati fis-6 ta' Ġunju, 2005, u żewġ dokumenti mressqa minn rappreżentant tar-reġistratur tal-Qrati Kriminali. L-ilment tar-rikorrenti dwar tal-ewwel huwa li dawn tressqu bħala prova minn uffiċjal tal-Pulizija meta ma kienx hu li ikkompilahom u b'hekk ma tressqitx l-aqwa prova u wisq

anqas setgħu r-rikorrenti jikkontrollaw b'xhieda lil min għamilhom. Iżidu jgħidu li l-Pulizija ma humiex esperti kompetenti biex jagħrfu l-ilħna fit-telefonati interċettati u li, skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà 50, l-ikkupjar ta' telefonati interċettati seta' jsir biss minn uffiċjali tas-Servizz tas-Sigurtà. Minbarra dan, jisħqu li t-traskrizzjoni tad-diskors interċettat tikser il-liġi, saret meta ma kienx hemm ħatra għal daqshekk minn qorti, saret minn min ma kienx espert fil-ħaġa, saret bla ma hemm kontinwità, u saret b'mod li kien hemm tbagħbis u kontaminazzjoni tal-għajn tal-istess evidenza. Minħabba dan kollu, jgħidu, seħħ ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq;

Illi għal dan l-ilment l-intimat Avukat Ġenerali jwieġeb billi jgħid li l-Qorti tal-Appell Kriminali diġà qieset din il-kwestjoni fis-sentenza tagħha meta kienet qiegħda tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet imqajmin mir-rikorrenti dwar l-Att talAkkuża. Huwa jgħid li l-kwestjoni tal-ammissibilità ta' prova tinsab fis-setgħa tal-Qorti li se tmexxi l-Ġuri u, minħabba f'hekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw li diġà seħħ ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq bil-fatt li s'issa l-imsemmija dokumenti għadhom fl-inkartament tal-Att tal-Akkuża;

Illi huwa minnu li din il-kwestjoni tressqet mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fiż-żewġ istanzi, id-deċiżjoni marret kontra t-talba tar-rikorrenti biex id-dokumenti msemmija jitneħħew mill-atti tal-kawża. Il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma għandhomx jinqdew bil-proċedura ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali biex idawruha f'appell mill-appell. Madankollu l-kwestjoni kif imqanqla mir-rikorrenti f'din ir-raba' kawżali tista' titqies taħt il-profil tal-jedd għal smigħ xieraq u fil-qafas tal-azzjoni kif imressqa, b'mod

partikolari fejn jidħlu l-imparzjalità u l-kompetenza tax-xhud jew tal-espert;

Illi ma hemmx dubju li l-ilment tar-rikorrenti jintrabat mar-regolarità proċedurali tad-dokumenti li tagħhom jitolbu t-tneħħija mill-atti. Huwa prinċipju aċċettat li "*Evidence obtained contrary to the norms laid down in the Convention itself, such as statements extracted via torture or other inhuman treatment contrary to Article 3, or evidence collected by means of encroachment on privacy contrary to Article 8, conflicts on that ground alone with the Convention. However, the Convention does not lay down rules on evidence as such. The Court, therefore, does not exclude as a matter of principle and in the abstract that evidence obtained in breach of provisions of domestic law may be admitted. It is a matter for the national courts to assess the obtained evidence and its relevance. Nevertheless, the Court has adopted the view that the principle of 'fair hearing' may entail specific requirements with respect to evidence*". Dan ikun ifisser li l-kwestjoni tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba l-kwalità, ir-regolarità jew saħansitra l-ammissibilità ta' prova (dokumentali jew mod ieħor) tista' titqies biss b'riferenza għall-proċediment kollu u mhux b'episodju maqtugħ għalih;

Illi din il-fehma ntlaqgħet u tħaddmet ukoll mill-Qrati f'Malta wkoll f'każijiet li kienu jitrattaw ilmenti ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tasal għall-fehma li żżamma fl-atti tal-Att tal-Akkuża tad-dokumenti magħmula minn traskrizzjoni tat-telefonati interċettati ma tikkostitwix ksur tal-jedd tar-rikorrenti għas-smigħ xieraq fil-każ tagħhom meta huwa ċar li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jreġix biss fuq dawk id-dokumenti u meta għad irid jirriżulta jekk il-

Prosekuzzjoni hijiex sejra toqgħod fuq dawk id-dokumenti jew issemmihom waqt il-Ġuri;

Illi l-Qorti tagħmel l-istess osservazzjonijiet dwar it-talba tar-rikorrenti biex mill-atti tal-Att tal-Akkuża jitneħħew żewġ dokumenti mressqa mix-xhud Robert Buġeja (rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qrati) waqt l-għoti minnu tax-xhieda fis-16 ta' Frar, 2010, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Inkwirenti. Il-Qorti tirrileva li, fil-każ tal-ewwel dokument, dan huwa kopja awtentikata minn verbal ta' kawża li huwa fih innifsu att ta' qorti li l-liġi tgħid li huwa ammissibbli bi prova bla ħtieġa ta' ebda prova oħra dwar l-awtentiċità tagħhom. Fil-każ tat-tieni dokument, it-traskrizzjonijiet li allegatament juru x'ingħad fit-telefonati interċettati għadhom jistgħu jkunu mistħarrġa jew attakkati mid-difiża fl-istadju xieraq tal-proċeduri li jinsabu għaddejjin firrigward tar-rikorrenti;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-ilment tar-rikorrenti dwar l-imsemmija dokumenti huwa wieħed mistħoqq;'

Illi huwa ghalhekk car lil din il-Qorti li l-ilmenti mqajjma mir-rikorrenti odjerni fir-rigward tal-intercettazzjonijiet li saru mis-Servizzi Sigrieti  u li jaqghu taht l-ewwel talba fir-rikors odjern fit-termini tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll artikolu 6 tal-Konvenzjoni, gia gew mistharrga u decizi b'mod finali minn din il-Qorti diversament preseduta.  Il-Qorti rat li ghalkemm dik id-decizjoni nghatat fid-29 ta' Novembru, 2018 u ma sarx appell minnha, r-rikorrenti regghu ressqu ilmenti tista' tghid identici quddiem din il-Qorti anqas minn sentejn wara u dan in relazzjoni mal-istess proceduri kriminali u l-istess intercettazzjonijiet, minghajr ma lanqas almenu segwew id-direzzjoni ta' dik il-Qorti li sostniet li wiehed  irid janalizza lejn il-procedura shiha u mhux

f'dan l-istadju. Il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkustanzi, l-eccezzjoni tal-intimati li ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-ilment tar-rikorrent gia gie mistharreg u deciz billi gie michud hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Illi fi kwalunkwe kaz fil-mertu irrizulta lil din il-Qorti mill-atti kriminali li dak li jallegaw ir-rikorrenti u cioe' li l-prova tramite tali intercettazzjonijiet telefonici li gew esebiti fl-atti kriminali kemm traskritti u bhala *recordings* tikkostitwixxi lezjoni tal-principju tal-*equality of arms* u allura tal-jedd ghal smiegh xieraq assolutament mhuwiex minnu. Kif gia sostnew zewg Qrati ohra qabel dik odjerna rrizulta li fl-atti kriminali r-rikorrenti ghad ghandhom il-possibilita' li jikkonfrontaw il-persuni li producew tali intercettazzjonijiet stante li huma ndikati bhala xhieda kif ukoll ghadhom fil-possibilita' li waqt is-smiegh tal-guri jattakkaw kemm il-veracita, l-awtenticita' u l-valur probatorju tal-istess jekk ikun il-kaz. Il-Qorti rat ukoll li tul il-proceduri kriminali l-akkuzati gia kellhom diversi opportunitajiet li jaghmlu kontro-ezami u jikkonfrontaw ix-xhieda relatati mal-istess intercettazzjonijiet fosthom il-Kap tas-Servizzi Sigrieti u s-Surpretendent Neil Harrison li ttraskriva l-istess. Jirrizulta ghalhekk li dawn l-intercettazzjonijiet huma fil-fatt sottoposti ghal skrutinju gudizzjarju, mhux kif isostnu r-rikorrenti, ghalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-principju tal-'equality of arms'.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti wkoll fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostitizzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**Il-bqija tat-Tieni Talba:**

Illi jibqa' ghalhekk li din il-Qorti tistharreg it-tieni talba tar-rikorrenti fl-ambitu tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u cioe' l-allegat ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti konsegwenza tad-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu tas-sena 2006 dwar iz-zamma ta' data generata jew processata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika, liema direttiva tinsab ukoll trasposta fil-ligi Maltija permezz tal-Avviz Legali 198 tal-2008.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti wara li rat kelma b'kelma l-ilment tar-rikorrenti u wkoll il-provi fl-atti, tirrileva li minn imkien ma jirrizulta li fl-atti kriminali fil-konfront tar-rikorrenti sar uzu ta' din id-direttiva sabiex jingabru xi provi fil-konfront tal-istess rikorrenti akkuzati. Fil-fatt jirrizulta li l-provi esebiti fl-atti kriminali dwar komunikazzjoni mir-rikorrenti giet ottenuta wara l-hrug ta' mandat fit-termini tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurta (Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta) u mhux fit-termini tad-Direttiva attakkata mir-rikorrenti permezz tat-tieni talba taghhom. F'dan ir-rigward il-Qorti ghalhekk tqis li t-tmien eccezzjoni tal-intimati fejn isostnu li din it-talba ma tistax tintlaqa' ghaliex il-kaz odjern l-intercettazjonijiet telefonici ma sarux taht din id-Direttiva izda fit-termini tal-Kap. 391 hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti tqis ukoll li r-rikorrent naqsu milli jippruvaw kwalunkwe interess guridiku sabiex ikunu jistghu jikkontestaw il-validita' tad-Direttiva in kwistjoni f'ambitu ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali taghhom.

Il-Qorti ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti ser tghaddi sabiex tichad ukoll il-bqija tat-tieni talba tar-rikorrenti.

**It-tielet talba:**

Stante li t-tielet talba tar-rikorrenti hija konsegwenti ghall-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti li qed jigu michuda, konsegwentement jirrizulta li ma hemm l-ebda rimedju li ghandu jigi moghti minn din il-Qorti w'ghalhekk it-tielet talba ser tigi wkoll michuda.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar,  2024**